**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 24 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Christian Bugeja**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Christian Bugeja, 25 sena, bin George u Carmen nee' Fava, imwieled Pieta', nhar l-14 t'April 1991, residenti fil-fond numru 79, Chregoda, Triq Melqart, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita' numru 204491M;

Talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 t'April, 2016, gewwa Triq il-Vulkan, Zabbar, u gewwa diversi toroq ohra gewwa dawn il-Gzejjer ghall-habta ta' bejn il-hdax u nofs u nofsillejl u ghaxra (2330hrs – 0010hrs):

1) Bil-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq Amy Austin, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tefghaha il-barra mil-karozza waqt li kienet qed jissuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BOG012 liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2) Ikkommetta offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amy Austin hekk kif iccertifikat Dr. Eloise Caruana (Reg No 3763);

3) Ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Toyota tip Starlet bin-numru tar-registrazzjoni BOG012 ghad-detriment ta' Stephen Austin;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

5) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, bla kont, traskuragni, negligenti, bi speed eccessiv u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku;

6) Il-Qorti hija mitluba li titratta lil Christian Bugeja bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

7) F'kaz ta' htija il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

8) Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Gavin Spagnol, a beneficju ta' Amy Austin u l-familja taghha dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi kollha u x-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbali tat-8 ta' Marzu, 2018, u tad-19 ta' April, 2018, fejn il-parti leza t-tnejn irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, ghal dak kollu li hu rinunzjabbli;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216, 218, 221, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a), (b), (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tat-tieni u t-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah minnhom.

Issib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, ir-raba' u l-hames akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta

Tordna wkoll li jinhareg ordni ta' trattament ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tikkundannah ghal multa ta' mitejn euro (€200) u kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal gimgha.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**